MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Numru. 469/2011

**Il-Pulizija**
**(Sp Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Fabian Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Fabian Vella ta’ 29 sena, iben Anthony u Rita nee’ Azzopardi, mwieled Pieta fis-17 ta’ Novembru 1981 u residenti 37 il-Bajja ta’ San Tumas, Marsascala, ID 646881 (M)

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-27 ta’ Gunju 2011 ghall-habta ta’ 6.30pm u matul l-ahhar xhur qabel din id-data

waqt li kien fi Triq Hal Luqa Rahal il-Gdid u f'dawn il-Gzejjer

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat General ibis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101).
Wara li rat li fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2012, l-imputat ddikjara li ma riedx ikun assistit minn avukat, anke meta l-Qorti offrietlu li tinnominalu Avukat tal-Ghajnuna Legali biex jassistih.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat kkopera mal-pulizija, l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, li fil-fedina penali aggornata tieghu ghandu tliet kundanni, zewg kundanni ghal pussess semplici ta' l-eroina u kundanna ghal pussess semplici ta' raza tal-cannabis. Huwa nghata il-liberta' kundizzjonata darbtejn u tqieghed that Probation Order ghal tlier snin b'sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' Ottubru 2012. ghalhekk l-akkuzat ghadu that il-perjodu operattiv tal-Probation Order. Fl-istqarrija tieghu u fit-trattazzjoni l-imputat qal li hu kien temm b'success programm ta' rijabilitazzjoni. Pero peres li kien ghaddej minn problemi personali, rega' waqa' u beda jabbuza mid-droga. Il-Qorti hi tal-opinjoni li l-imputat ghandu juri iktar determinazzjoni fil-ghada fil-glieda tieghu kontra l-abbuz tad-droga u jekk necessarju jerga' jikkura ruhu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal multa ta' hames mitt Euro (€500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00) bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta' Frar 2013. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u l-Parole.

Il-Qorti tordna li d-droga esebita tigi distrutta taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------